# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**9/19**

**Id-disa' (9) -il laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsilliera |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

***Aġenda:***

1. ***Talba***
2. ***Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħat 4/19, 5/19 u 7/19 u tal-Laqgħa b'urġenza 6/19***
3. ***Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti***
4. ***Korrispondenza***
5. ***Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni***
6. ***Ilmenti***
7. ***Ordnijiet tal-Ġurnata***
   ***(a) Rakkomandazzjoni mill-Bord tal-Għazla***
   ***(b) Festa Titulari***
8. ***Kommunikazzjoni mis-Sindku***
9. ***Aggornament***

1 Il-laqgħa bdiet fis-5.40 ta' filgħaxija.

**3** ***Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti 7/19***

3.1 Punt 1.2.1 - Is-Sindku qal li il-Ħadd li għadda saret il-laqgħa mal-Kumitat Festi Esterni fiċ-Ċentru Parrokkjali filwaqt li l-laqgħa mal-Għaqda tan-Nar ġiet posposta għal ġurnata li trid tiġi kkomunikata minnhom.

3.2 Punt 1.2.2 - Laqgħa mas-Soċjeta Filarmonika Banda Santa Venera ta' nhar il-Ħadd li ġej fid-9.30am ser issir fil-Kunsill stess.

3.3 Punt 1.2.6 – Laqgħa mal-Każin PN għadha ma ġietx ikkonfermata.

3.4 Punt 1.3.6 – Is-Sindku qal li x-xogħol fuq Misraħ Santa Venera miexi u antiċipat li jkun lest bit-tarmak sa ħmistax –il jum qabel il-festa. L-*issue* li hemm hija li għandna bżonn *technical specifications* tad-dawl sabiex inkunu nistgħu noħorġu l-kwotazzjonijiet.

3.5 Punt 1.3.6.1 - Is-Sur Anastasi ried irrimarka li meta kien Sindku hu dejjem kien jgħid lil Kunsilliera biex jaħdmu għal Vendriżi.

Is-Sur Anastasi kompla u qal li hu ħassu li sar nuqqas mill-Minority Leader meta saret laqgħa fuq il-post f'Misraħ Santa Venera u ma kienx avżat minnha. Is-Sindku qal li l-laqgħa kienet issejħet *short notice* ħafna u hu ħassu li għandu javza lill-Minority Leader sabiex tattendi wkoll.

Is-Sinjura Elizabeth Vella qalet li s-Sindku qalilha biex tattendi għall-laqgħa ta' Misraħ Santa Venera u ġiet infurmata sagħtejn biss qabel.

Is-Sur Darren Carabott xtaq jgħid li hu bl-ebda mod ma ried jattakka lis-Sur Anastasi pero ħa għalih kif ġab ruħu mal-Minority Leader.

3.6 Punt 1.4.1 – Is-Sindku qal li l-lampa minn Triq il-Parroċċa inqalgħet. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex tintbgħat *siteplan* lill-Enemalta sabiex naraw fejn tista ssir l-aħjar. Alternattiva oħra hi li ssir fuq arblu propju fejn kienet.

3.7 Punt 1.5.1 – Is-Sindku qal li l-Iskrivana l-ġdida Sharon Mifsud ser tibda xogħol uffiċjalment nhar is-Sibt 22 ta' Ġunju, 2013.

3.8 Punt 3.2 – Is-Sindku qal li l-*quarterly accounts* minkejja li ġew approvati ġimgħat ilu kienu għadhom ma ntbgħatux lid-Dipartiment għalhekk l-Aġent Segretarju irid jikkordina mal-Eks Segretarju Eżekuttiv.

## 4. *Korrispondenza*

4.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza fuq *Temporary Loading/Unloading* għal Triq il-Parilja. Il-Kunsill qabel sabiex tinkiteb ittra lil Trasport Malta dwar dan.

Is-Sur Anastasi qal li hu joġġezzjona minħabba periklu.

4.2 Is-Sindku qara korrispondenza fuq tellieqa għat-13 ta' Diċembru. Is-Sindku kompla u qal li irridu ninnominaw persuna sabiex ikunu qiegħdin jiedu ħsieb din l-attivita possibilment ma Birkirkara Sports Club, Kumitat Amministrattiv u l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara. Din it-tiġrija ser tkun twila 10 kilometri.

Lill-Kunsill ser tinvolvi spejjeż ta' Pulizija u Marshalls, liema spiża trid tinqasam bejn tlett kumitati.

Is-Sur Anastasi issuġġerixxa niktbu lil Pulizija qabel l-attivita għaliex hu jaħseb li m'hemmx ħlas fuq pulizija extras. Kulħadd qabel ma din l-attivita. Kien hemm ukoll qbil sabiex jiġi nnominat Jason Mangani.

4.3 Is-Sur Sultana tkellem fuq korrispondenza minngħand l-ANSEK fejn hemm possibilta li nagħmlu membership ma' din l-Assocjazzjoni ġdida tas-Segretarji u jkollna korsijiet sussidjati għall-impjegati kif ukoll għal Kunsilliera.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li din għal din is-sena għandha tinqabeż.

4.4 Is-Sindku qal li irċieva talba għall-użu ta' Ġnien Romeo Romano mil-każin tal-Partit Laburista sabiex tittella Pasta Night nhar it-28 ta' Ġunju sal-11pm. Is-Sur Silvio Vella iddikjara li hu mhux ser ikun parti mid-deċiżjoni minħabba konflitt ta' interess.

Kien hemm qbil unanimu li tittella din l-attivita bil-kundizzjoni li il-ġnien jitħalla nadif u mingħajr ħsarat.

4.5 Is-Sur Sultana ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza mingħand l-AKL fuq tħawwil ta' siġar. Is-Sur Brimmer ser jieħu ritratt tal-postijiet fejn jistgħu jitħawwlu dawn is-siġar. Kien hemm qbil li jitħawwlu siġar fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Kanun, faċċata tal-Palazz l-aħmar, Triq il-Kbira kantuniera mal-Istitut Vincenzo Bugeja, Ġnien Romeo Romano u Ġnien San Ġorġ Preca.

Importanti li Triq il-Kbira San Ġużepp ma jitħawlux siġar kbar.

4.6 Is-Sindku qara korrispondenza rigward Arc Alof De Wignacourt. Il-proġett qiegħed isir bejn il-Kunsill ta' Birkirkara, il-Hamlet ta' Fleur de lys u l-Kunsill ta' Santa Venera. Il-Progett qiegħed jiġi ffinanzjat €140,000 mill-Gvern Ċentrali, €140,000 mill-Bank of Valletta u €40,000 mill-Good Causes Fund.

Is-Sindku qal li hu jara inġust li il-bord huwa magħmul minn 3 minn Birkirkara, 2 minn Fleur de lys u wieħed biss minn Santa Venera, rappreżentant mill-BOV u chairman. F'dan l-istadju ħass li m'għandux jipparteċipa bi protesta u kien hemm qbil sabiex tinkiteb ittra iebsa f'dan ir-rigward.

*Is-Sur Anastasi issuġġerixxa li il-Kunsill idaħħal Avukat fuq dan is-suġġett.*

4.7 F'dan l-istadju s-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex immorru fuq item 8 tal-Aġenda.

Fit- 8.00pm daħlet bħala mistiedna s-Sinjorina Annalisa Schembri sabiex tkellem lil Kunsill fuq possibilta ta' *twinning* ma' belt ġewwa l-Greċja bl-isem ta' Kastoria. Il-proposta tal-proġett kienet saret xi xhur ilu u issa dan il-proġett ta' *twinning* ġie approvat mill-Kummisjoni Ewropea u ġie r-raba post fost tlieta u għoxrin.

Il-Proġett jismu LBTINEU li ser idum sentejn u fl-*exchanges* ser jiġu diskussi suġġetti varji. Il-Project Leader ta' dal-proġett huma l-Griegi. Ġie iċċarat ukoll li l-Assoċjazzjoni li hija qed tirrapreżenta mhux ser titħallas mill-Kunsill u ser jieħdu ħsieb il-proġett mill-bidu sa l-aħħar kemm fuq affarijiet amministrattivi kif ukoll dawk loġistiċi.

Is-Sindku qal li fuq proġetti tal-Ewropa għandna lis-Sur Jonathan Brimmer li ser jibda jieħu ħsieb l-affarijiet fuq dan il-proġett.

Il-pass li jmiss huwa li noħorġu *Expression of Interest* għal żgħażagħ li huma interessati jipparteċipaw. *Kull meta jmorru f'xi pajjiż magħhom ikun hemm dejjem rappreżentant tal-Kunsill.* Ġie innutat li ż-żgħażagħ magħżula joħorġu biss 30% tal-ispiża.

Ġie deċiż nemcon li l-attivita' ta' hawn Malta issir bejn it-18 u t-22 ta' Novembru.

Is-Sinjura Elizabeth Vella ġiet skużata mil-laqgħa fit-8.18pm.

**5 Skeda tal-pagamenti Approvazzjoni**

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati apparti il-petty cash li jikkonċerna rimbors ta' parking tickets, li irridu niċċekkjaw fuqha mad-Dipartiment u pagament numru 178 fejn is-Sindku talab niċċekjaw jekk hux skond il-kuntratt.

Is-Sur Horace J Anastasi ġie skużat mil-laqgħa fit-8.34pm.

## 6 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 41 sa ilment numru 114. Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

41. Works order Koptasin
42. Ħaddiema Assenjati
43. Refreshing Ħaddiema Assenjati
44. Contracts Manager biex jiċċekkja
45. Trasport Malta
46. Trasport Malta
47. Works order Koptasin
48. Works order Koptasin
49. Logo Graphics
50. Inġibu Stima
51. Enemalta
52. Ħaddiema Assenjati
53. Enemalta
54. Tibqa kif inhi għax ġiet iċċertifikata mill-Perit
55. Trasport Malta
56. Water Services
57. Ittra Pulizija
58. Trasport Malta (diġa nkitbet)
59. Ħaddiema Assenjati
60. Bankina għalissa mhux possibli
61. Stima Bankina
62. Ħaddiema Assenjati
63. Hemm korrispondenza dwarha
64. Enemalta
65. Enemalta
66. Refreshing temporanju
67. Ħaddiema Assenjati
68. Ħaddiema assenjati kif ikollna jigger
69. Enemalta
70. Works order Koptasin
71. Trasport Malta
72. Enemalta
73. Works order Koptasin
74. Works order Koptasin
75. Ħaddiema Assenjati
76. Trasport Malta
77. Enemalta
78. Trasport Malta
79. Lesta mil-Ħaddiema
80. Jinġieb il-Permess
81. Permess Garage
82. Ħaddiema Assenjati
83. Lesta
84. Lesta
85. Lesta
86. Water services
87. Works order Koptasin

88. Għandu jiccekja Contracts Manager
89. Works order Koptasin
90. Works order Koptasin
91. Works order Koptasin
92. Works order Koptasin
93. Ħaddiema Assenjati
94. Contracts manager jiċċekja
95. Works order Koptasin
96. Mhux possibli
97. Gwida Trasport Malta
98. Ħaddiema Assenjati
99. Ittra Trasport Malta
100. Ġie nnutat
101. Water Services
102. Ħaddiema Assenjati
103. Water services
104. Trasport Malta
105. Lesta
106. Lesta
107. Water services
108. Ħaddiema Assenjati
109. Ħaddiema assenjati gradi biss
110. Works order Koptasin
111. Works order Koptasin
112. Enemalta
113. Trasport Malta qalu le mhux possibli
114. Ħaddiema assenjati

**7 Ordnijiet tal-Ġurnata**

(b) Festa Titulari

Is-Sindku qal li ir-riċeviment tal-festa din is-sena jixtieq jevitah minħabba limitazzjoni finanzjarja. Wara diskussjoni, għal eventwalita jekk isir ser tinżamm il-Ġimgħa 19 ta' Lulju bħala l-gurnata bil-possibilta li jsir fil-Ministeru tal-Ambjent.

Is-Sindku ippropona li jiġu ordnati żewġ mobile toilets għall-matul il-ġimgħa tal-festa u żewg mobile toilets għal attivita li ssir ġimgħa qabel u għal Lejla Vendriża u tnejn oħra għal Triq il-Kanun. Kien hemm qbil ukoll li jingħata servizz tad-dawl temporanju.

Is-Sindku qal ukoll li irridu nordnaw erba' Gwardjani Lokali wkoll. Kien hemm diskussjoni li naraw jekk b'permess ta' pulizija jkunx aħjar. Għalhekk sar qbil li nkellmu lil Maġġur.

**8 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

8.1 Is-Sindku tkellem fuq Proġett tal-EUPA li minħabba *issue* finanzjarja. Is-Sindku ippropona li kull proġett tal-Ewropa ikollu Bank Account f' isem il-Kunsill għalih.

8.2 Is-Sindku qal li fil-Kunsill kien hawn Grass Cutter li qatt ma deher iktar kif ukoll Grinder. Is-Sur Sultana talab sabiex jinxtraw sellum, karretta, buffer għal bankijiet, kif ukoll compactor, golja u jigger.

Is-Sindku ippropona ukoll li il-cameras ta' Ġnien Romeo Romano għandhom jitħaddmu mill-aktar fis.

## 9 Aggornament

9.1 L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju, 2013 fis-6.30pm.

9.2 Il-laqgħa intemmet fid-9.24pm.

Stephen Sultana
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum, 8 ta' Lulju 2013